

Brussell, 19 ta' Ġunju 2015
(OR. fr)

10043/15

Fajl Interistituzzjonali:
2011/0901B (COD)

CODEC 896
JUR 406
COUR 24
INST 206

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-ewwel qari) - Adozzjoni a) tal-pożizzjoni tal-Kunsill b) tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fl-4 ta' April 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet lill-Kunsill it-talba biex jiġi emendat l-Istatut tal-Qorti¹, abbażi tal-Artikolu 254 (1), l-Artikolu 281 (2) tat-TFUE u l-Artikolu 106 (a), paragrafu 1, tal-KEEA.
2. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha fit-30 ta' Settembru 2011².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014³.

¹ dok. 8787/11.

² dok. 14769/11.

³ dok. 8509/14.

4. Waqt il-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li għandu jiġi ssuġġerit lill-Kunsill:

- biex jadotta, bil-vot kontra tad-delegazzjoni tar-Renju Unit u l-astensjoni tad-delegazzjoni Belġjana u dik Netherlandiża, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument 9375/15 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tidher fid-dokument 9375/15 ADD 1;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.
